MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2012

Numru. 674/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR ELTON TALIANA**
**VS**
**JOSEPH ANTHONY ZERAFA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Joseph Anthony Zerafa ta’ 24 sena, bin Anthony u Martha nee’ Portelli, mwieled l- Awstralja fil- 31 ta’ Mejju 1988, residenti 4, Triq Cassarino, Qawra u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 331799M;

Talli nhar id- 29 ta’ Gunju 2012 ghall- habta tal- 4.45am gewwa Triq il- Kbira, Birkirkara u fi nhawi ohra f’ dawn il- Gzejjer;

1) Mighajr il- jsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja ta' haddiehor f' periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il- persuna ta' Luca Zerafa minn San Pawl il- Bahar;

2) volonatarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fuq kompjutar tal- ghassa ta' Birkirkara, liema hsara ma tkunsx tiskorri l- €1,164.69 imma tkun izjed minn €116.47;

3) ikkaguna feriti hfief fuq il- persuni ta' Dwayne Curmi hekk kif iccertifika Dr. Patrick Galea mic- Centru tas- Sahha tal- Mosta;

4) ikkaguna feriti hfief fuq il- persuni ta' Francesca Micallef hekk kif icceritifka Dr. Patrick Galea mic- Centru tas- Sahha tal- Mosta;

5) ghamel lil haddiehor ingurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat hareg barra mil- limiti tal- provokazzjoni;

6) talli volontarjament kiser il- bon ordni w l- paci pubblikua b' ghajjat u glied;

7) talli m' obdiex l- ordnijiet legittimi tal- awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixklu waqt li kien qed jaghmel id- dmirijiet tieghu, jew b' xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix- xejn ejw hassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il- Ligi;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'din il-kawza, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat din il-Qorti qed issibu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u ghalhekk ser tittratta dwar il-piena. Il-Qorti giet infurmata li f'dan l-incident, l-imputat kien gie aggredit minn terzi wara li l-vettura li kien riekeb fiha baqghet tigi segwita minn vettura ohra, u kien biss wara li sofra griehi li rritalja biex jiddefendi ruhu, izda naqas milli jrazzan lilu nnifsu u ecceda fid-difiza personali tieghu. Di fatti, l-incident baqa' jiskala u l-imputat anke baqa' aggressiv anke fl-Ghassa tal-Pulizija ta' B'Kara, fejn ghamel hsara f'apparat tal-Pulizija bl-imgieba tieghu.

Madankollu, il-Qorti rat ic-cirkostanzi li l-imputat sab ruhu fihom intortament, u rat li din l-imgieba tieghu kienet ir-risultat ta' aggressjoni fil-konfront tieghu, u ma kienx hu li beda l-glieda. Il-Qorti rat ukoll li l-imputat gia' ghamel tajjeb ghad-danni li kkaguna billi hallas ghas-saldu l-hsara li hu wettaq, u rat l-ammissjoni bikrija tieghu u l-fedina penali netta tieghu. Ghalhekk il-Qorti m'hix tal-fehma li l-imputat ghandu jinghata piena li tirrestringi l-liberta' tieghu, izda sejra taghti sanzjoni fil-komunita' taht is-sorveljanza ta' Ufficjal tal-Probation ghall-perijodu ta' sentejn.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 216, 325(b), 221, 339(e), 338 (m) u 338 (ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tordna hrug ta' Ordni ta' Probation ghal sentejn ai terminu tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------